**27 ta' Jannar, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C. B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

**Maria Gulia et.**

*versus*

Domenico Caruana

**Lokazzjoni — Bord tal-Kera — Ġudikat.**

*Sentenza tal-Bord tal-Kera li stabbiliet il-kera xieraq ta' fond tikkostitwixxi ġudikat, u hija ta' ostakolu għal talba susseġwenti biex jiġi fissat il-kera xieraq tal-istess fond mill-ġdid.*

*Jistgħu jiġru xi ċirkustanzi straordinarji imprevisti li jagħtu lok għal rivalutazzjoni tal-kera ta' dak il-fond; imma sakemm ma jkunx hemm tibdil rilevanti fiċ-ċirkustanzi ta' fatt, u l-liġi tibqa' l-istess, il-fissazzjoni preċedenti tal-kera tikkostitwixxi ġudikat, u ma jistgħax jerġa jiġi rivedut dak il-kera.*

*U ladarba l-Bord ikun enunċja sewwa l-liġi, u, tajjeb jew ħażin, ikun stabbilixxa li mis-sentenza preċedenti 'l hawn ma kienx hemm tibdil ta' fatti li jagħti lok għar-rivalutazzjoni tal-kera, il-Qorti tal-Appell ma tidħolx f'dan l-apprezzament ta' fatt magħmul mill-Bord.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors tal-miżżewġin Maria u Arinne Gulia, li bih dawn talbu li l-Bord jgħolli l-kera tal-ħanut numru 66 Għajndwieli Road Cospicua, għal £40 fi-sena, fil-waqt li issa jinsab mikri bis-£16 fis-sena;

Rat ir-risposta' ta' Domenico Caruana, li wieġeb illi t-talba tar-rikorrenti hija ripetizzjoni ta' dik li saret minn Dr. Antonio Paris maqtugħa mill-Bord fil-5 ta' Settembru 1956, li ċaħdet it-talba għaż-żieda tal-kera minn £16, u għalhekk jinvoka favur tiegħu dik id-deċiżżjoni;

Rat id-deċiżjoni tal-Bord tal-15 ta' Novembru

1960, li biha ġiet miċħuda t-talba tar-rikorrenti, billi l-Bord ikkunsidra;

Illi bis-sentenza fuq imsemmija ġie stabbilit li l-fond ma jistħoqqlux ebda għoli fuq is-£16 kif kien mikri, u ma hemm ebda tibdil fil-liġi, u lanqas fl-istat ta' fatti, u għal-hekk mhux leċitu illi r-rikorenti jerġgħu jitolbu l-għoli tal-kera (ara App. "Bonello vs. Cuschieri ne", Kollez. XXXIV-I-74; u "Grima vs. Castillo ne.", 11 ta' Novembru 1957);

Rat ir-rikors tal-miżżewġin Gulia, li appellaw quddiem din il-Qorti mis-sentenza fuq imsemmija tal-Bord, u talbu r-revoka tagħha u r-rinviju tal-kawża quddiem l-istess Bord biex dan jagħti s-sentenza skond ir-relazzjoni tal-istess membri tekniċi tiegħu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti fit-trattazzjoni tal-kawża sostnew li ma hemmx lok għall-eċċezzjoni tar-"res judicata", għax mis-sentenza tal-1956 'l hawn iċ-ċirkustanzi dbiddlu, billi kien hemm tibdil rilevanti fiċ-ċirkustanzi fejn jinsab il-post in kwistjoni, u ta' dan il-Bord ma tgħax każ għall-finijiet tar-"res judicata";

Illi din il-Qorti, fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Novembru 1945 in re "Charles Bartolo Parnis vs. Joseph Formosa", kienet irrilevat li setgħu jiġru xi ċirkustanzi straordinarji imprevisti li jagħtu lok għal rivalutazzjoni tal-kera, bħal meta, minħabba l-ftuħ ta' trieqat u alterazzjonijiet, il-post isir ċentru prinċipali tal-belt jew raħal. Iżda fis-sentenza appellata ma jidherx li din il-konsiderazzjoni bħala prinċipju ġiet miċħuda; għax il-Bord fis-sentenza irrileva li ma kienx hemm tibdil ta' fatti; u ladarba, tajjeb jew ħażin, il-Bord irritjena li ma kienx hemm tibdil tal-fatti, tinżel loġika l-konklużjoni tal-ostakolu tar-"res judicata";

U tabilħaqq, in vista tal-lakoniċità tat-termini użati fis-sentenza, il-Bord evidentement ma deherlux li kien hemm bżonn isemmi li l-bini taċ-ċirkondarju ma kienx ta'

kostruzzjoni posterjuri għas-sena 1956 jew li l-knisja l-ġdida tiġi l-bogħod, jew li l-"parking area" tad-ditta "Bailey" ma kellhiex tagħmel differenza rilevanti; u għalhekk il-Bord skarta t-teżi tal-appellanti b'erbgħa kelmiet komprensivi, ħilli eskluda bħala fatt l-allegata ċirkustanza tat-tibdil. U ladarba l-pont ta' dritt fis-sentenza appellata ma jidherx li ġie deċiż ħażin, din il-Qorti ma tidħolx fl-apprezzament tal-fatti li għamel il-Bord;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellanti.